MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2012

Appell Civili Numru. 1611/2001/1

**Breakpoint Co Ltd**

**v.**

**Raymond Farrugia ghan-nom ta'**
**Sunrays Travel and Tourism Ltd b'digriet tad-19 ta' Ottubru, 2001**
**gie nominat bhala Deputat Kuratur sabiex jirrapprezenta lill-assenti**
**De Jong Intra Vakanties BV**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fil-5 ta’ Ottubru 2001, li taqra hekk:

“Peress illi l-attur ftihem mal-konvenut sabiex ghas-sena elfejn u wiehed (2001) aktar specifiku ghall-perjodu li jibda mill-ewwel (1) ta’ April 2001 sal-ahhar ta’ Ottubru 2001 ill-konvenut kellu jibghat fil-hotel tal-attur turisti ghal dan il-perjodu u l-ftehiem kien “on a full commitment basis”;

“Peress illi l-konvenut intrabat li jhallas l-ammont globali ta’ hamsa u ghoxrin elf mija u hamsin Lira Maltin (Lm25,150 ) ghall-perjodu msemmi;

“Peress illi dan il-ftehiem kien fuq “exclusivity” u l-attur ma setax igib turisti ohrajn f’dan il-perjodu;
“Peress illi verbalment l-attur gie informat mill-konvenut li din is-sena mhuwiex ser jonora l-obbligi kollha tieghu minhabba nuqqas ta’ xoghol;

“Peress illi din is-sitwazzjoni kkawzat danni irreparabbli lill-attur peress illi kien gia` “committed” u ma setax jaghmel reklamar u dan is-sajf spicca bla xoghol u l-hotel kienet vojta;

“Peress illi baqa’ bilanc ta’ hdax il-elf tmien mija u hamsin lira maltin (Lm11850 ) mill-ammont miftiehem, liema ammont ma thallasx minkejja li kien interpellat diversi drabi;

“Jghid ghalhekk l-istess socjeta` konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:-

“1. tiddeciedi u tiddikjara l-konvenut responsabbli ghall-hlas tal-bilanc;

“2. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta jhallsu l-ammont ta’ hdax il-elf tmien mija u hamsin lira maltin (Lm11850) rapprezentanti bilanc ta’ pagamenti dovuti mill-konvenuti fuq il-kuntratt iffirmat bejn il-partijiet rigwardanti “commitment” tal-hotel li jirraprezenta bilanc li ghadu ma thallasx;

"Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' ittra bonarja datata 19 ta' Settembru 2001 u tal-mandat ta' sekwestru kontra l-konvenut huma ngunti personalment sabiex jidhru ghas-subizzjoni."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine fejn gie eccepit:

"1. illi it-talbiet attrici huma infondati fil fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez ghaliex il-kontendenti irrangaw il-kwistjoni ta' bejnithom billi waslu fi ftiehem li bih is-societa attrici accettat li s-societa konvenuta flok tikommetti ruhha ghal 10 appartamenti tikkommetti ruhha biss ghal 5 appartamenti ghat-turisti li tibghat Malta, kif fil-fatt gara. Is-socjeta' konvenuta halset ghal dawn il-5 appartamenti liema hlas gie accettat mis-societa attrici, li qatt ma iddikjarat li qed taccetta il-pagament minghajr l-ebda pregudizzju.

"2. illi sub-ordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni l-ammont pretiz mis-societa attrici mhux dovut ghaliex il-kontendenti kif jigi pruvat fit-trattazzjoni tal-kawza itterminaw l-obbligazzjoni originali li biha is-societa konvenuta kienet ikkommettiet ruhha ghal 10 appartamenti billi din giet bi qbil sostitwita ghall-obbligazzjoni ta' accettazzjoni ta' 5 appartamenti biss. Fil fatt anki it-terms of payment kif jigi ukoll pruvat, gew mibdula mill-kontendenti. Ghalhekk saret novazzjoni.

"3. salvi eccezzjonijiet ohra."

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili, fl-24 ta' April 2009, li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens li gej:

"Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta konvenuta estera u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet kollha attrici u tiddikjara li s-socjeta' konvenuta estera hi responsabbli li thallas il-bilanc mitlub mis-socjeta' attrici u b'hekk tikkundanna lill-istess socjeta estera konvenuta thallas l-ammont ta' hdax il-elf tmien mija u hamsin lira maltin (Lm11850) ekwivalenti ghal sebgha u ghoxrin elf

sitt mija u tlett euro u sbgha centezmi (€27603.07) rapprezentanti bilanc ta’ pagamenti dovuti mill-konvenuti fuq il-kuntratt iffirmat bejn il-partijiet rigwardanti “commitment” tal-hotel u li jirraprezenta bilanc li ghadu ma thallasx u dana bl-imghaxijiet kollha legali mid-data meta kienu dovuti l-pagamenti sad-data tal-effettiv pagament.

“Spejjez kollha kontra s-socjeta estera konvenuta.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha tal-24 ta’ April, 2009, wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Din il-kawza qed issir mis-socjeta’ lokali Breakpoint Company Limited kontra s-socjeta’ estera De Jong Intra Vakanties BV. Is-socjeta’ attrici tallega li l-imsemmija partijiet kienu ftehemu li fil-periodu mill-1 ta’ April 2001 sal-ahhar ta’ Ottubru tal-istess sena l-konvenuti kellhom jibghatu hawn Malta numru ta’ turisti biex joqodu fil-lukanda tal-atturi u dana “on a full commitment basis.” Inoltre l-konvenuti, in vista tal-imsemmi ftehim, obbligaw ruhom li ghall-istess perjodu kellhom ihallsu lill-atturi s-somma komplessiva ta’ hamsa u ghoxrin elf mija u hamsin lira Maltin (Lm25,150). Skond l-istess atturi l-imsemmi ftehim kien fuq “exclusivity” u b’hekk l-atturi ma setghux idahhlu turisti ohrajn fl-istess lukanda taghhom. L-atturi jkomplu jippremettu li matul l-imsemmi periodu l-konvenuti infurmawhom li ma kienux ser jonoraw l-obbligi kollha taghhom u dana minhabba nuqqas ta’ xoghol jew ahjar nuqqas ta’ turisti li xtaqu jigu hawn Malta. Skond l-atturi dan kollu kkawzalhom danni irreparabbli peress li minhabba l-imsemmi ftehim huma ma setghux jirreklamaw l-lukanda u bhala konsegwenza l-istess lukanda ma kellix residenti u kienet vojta. L-atturi jippretendu li l-konvenuti ghad ghandhom ihallsuhom bilanc ta’ hdax il-elf tmien mija u hamsin liri maltin (Lm11,850) u dan mill-imsemmi ammont komplessiv li kien gie miftiehem.

“Fuq l-imsemmija premessi s-socjeta’ attrici qed titlob li s-socjeta’ konvenuta tigi dikjarata li hi responsabbli sabiex thallas l-imsemmi bilanc uli l-istess socjeta estera konvenuta tigi kundannata thallas l-imsemmi bilanc.

“Da parti taghha s-socjeta’ estera konvenuta qed teccepixxi li l-partijiet in kawza ttransigew din il-kwestjoni u kienu waslu fi ftehim li bih is-socjeta’ attrici kienet accettat li s-societa’ estera konvenuta tikommetti ruhha biss ghal 5 appartamenti fl-imsemmija lukanda u mhux ghal 10 appartamenti, u dana kif efettivament gara. Is-socjeta’ konvenuta tkompli teccepixxi li halllset ghall-imsemmija 5 appartamenti u s-socjeta’ attrici accettat dan il-hlas minnghajr riservi. Is-socjeta’ konvenuta tkompli teccepixxi li l-ammont pretiz mis-societa’ attrici mhux dovut stante li l-kontendenti tterminaw l-obbligazzjoni originali u sar ftehim gdid bl-accettazzjoni ta’ 5 appartamenti biss. Sar ukoll bdil fil-kundizzjonijiet dwar il-pagamenti u b’hekk skond il-konvenuti sehhet novazzjoni.

“Mill-provi jirrizulta li l-partijiet kienu ftehemu bil-miktub (vide dokument ‘A’ - fol.36) li s-socjeta’ attrici kellha tqieghed ghad-disposizzjoni esklussiva tas-socjeta’ konvenuta 10 apparttamenti fil-lukanda gestita mill-istess socjeta’ attrici cioe’ fil-kumpless maghruf bhala “Breakpoint Holiday Complex”, li jinsab il-Qawra u dan ghal prezz komplessiv ta’ Lm25.150. Il-hlasijiet relattivi kellhom isiru kif gej u cioe’ Lm 2,500 fl-1 ta’ April 2001, Lm2,500 fl-1 ta’ Mejju 2001, Lm 5.000 fl-1 ta’ Gunju 2001, Lm 5,000 fl-1 ta’ Lulju 2001, Lm 5,000 fl-1 ta’ Settembru 2001 u finalment Lm2,500 fl-1 ta’ Ottubru 2001. Il-periodu kopert mill-imsemmi ftehim kien is-sajf tat-2001. L-esklusivita’ kienet tirreferi ghas-suq Olandiz u kwindi s-socjeta’ attrici kienet prekluza li tikkuntratta ma xi agenti ohra mill-Olanda u kienet prekluza ukoll li ttirreklama l-imsemmi kumpless fis-suq olanmdiz.

“Fi Frar 2001 is-socjeta’ estera konvenuta informat lis-socjeta’ attrici li, peress li ma kienux qed jidhlu prenotazzjonijiet bizzejjed ta’ turisti ghar-rigward tal-periodu kopert mill-ftehim, kien ser ikun difficli ghall-istess socjeta’ konvenuta li tonora l-obbligi minnha assunti bl-istess ftehim. Jidher li f’dan l-istadju s-socjeta’ attrici ghamlet proposta biex il-ftehim b’xi mod jinzamm fis-sehh u f’dan ir-rigward offriet li jitnaqqsu zewg appartamenti mill-ftehim originali. Din il-proposta ma gietx accettata mill-konvenuti. Saru konto-proposti u proposti godda ohra,

pero' finalment is-socjeta' konvenuta infurmat is-socjeta' attrici li, in vista tac-cirkostanzi prevalenti, l-unika haga li steghet taghmel kien li tikkancella totalment il-ftehim originali. Da parti taghha s-socjeta' attrici infurmat il-parti l-ohra li ma kinitx qed taccetta tali kancellament.

"Ix-xhieda prodotti mill-konvenuti kkonfermaw li f'dan l-istadju s-socjeta attrici accettat proposta tas-socjeta' konvenuta fis-sens li li l-ftehim kellu jirrigwarda biss hames (5) appartamenti u kellha ssir garanzija biss dwar hames (5) appartamenti ohra li pero' kellhom jinghataw lit-turisti mibghuta mill-konvenuti "on allotment." Ghalhekk skond l-istess xhieda il-partijiet biddlu l-ftehim originali. Inoltre, dejjem skond ix-xhieda prodotti mis-socjeta' konvenuta, sar bdil ukoll fil-kondizzjonijiet tal-pagamenti u inoltre s-socjeta' attrici accettat rati godda ghal "bookings on request." L-istess xhieda kkonfermaw li ma sar xejn bil-miktub dwar l-allegat ftehim gdid, li effettivament, skond huma, sar biss verbalment. Huma kkonfermaw ukoll li s-socjeta' konvenuta hallset skond it-termini godda miftiehma u s-socjeta attrici accettat dawn il-pagamenti minnghajr riservi.

"Min-naha l-ohra direttur tas-socjeta' attrici attrici kkonferma li skond l-imsemmi ftehim originali s-socjeta' konvenuta kellha thallas is-somma komplessiva miftiehma irrispettivament jekk jintbghatux turisti jew le. L-istess xhud ikkonferma li s-socjeta' attrici ma accettatx proposta maghmula mil-konvenuti fis-sens li s-socjeta' konvenuta thallas biss ghat-turisti li tibghat u b'hekk ma kienx ser ikun hemm garanzija ghar-rigward tal-appartamenti skond kif miftiehem fil-ftehim in kwestjoni. Skond l-istess xhud is-socjeta' attrici ma accettatx din il-proposta. Sussegwentement in-numru ta' turisti li s-socjeta' konvenuta bdiet tibghat kien minimu u inoltre s-socjeta' konvenuta ma kinitx qed thallas skond il-ftehim originali u kienet qed thallas biss parti tal-ammonti kif miftiehma. Nonostante dan il-pagamenti kienu qed jigu accettati anke in vista li s-socjeta' attrici kella tonora ftehim mal-bank. L-imsemmi xhud ikkonferma li ghada dovuta mis-socjeta' konvenuta s-somma kif mitluba fic-citazzjoni. Ix-xhud prodott mis-socjeta' attrici nnega li qatt sar xi ftehim iehor,

verbali jew bil-miktub, li biddel il-ftehim oroginali u ma sar ebda ftehim iehor li gab fis-sehh xi kondizzjonijiet godda.

“Kif gia rilevat il-konvenuti jippretendu li saret novazzjoni billi gie mitmum il-ftehim originali li gie sostitwit bi ftehim gdid. In vista tar-rizultanzi u in vista tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, fl-opinjoni tal-Qorti ma jirrizultax li saret in-novazzjoni kif qed jippretendu l-konvenuti. In effett is-socjeta’ atttrici tichad li qatt sar xi ftehim gdid li bih gew estinti l-obbligi li assumew il-konvenuti skond il-ftehim originali. Hu minnu li giet esibita xi korrispondenza. Fost din il-korrispondenza, pero’, ma hemm ebda ittra jew dokument iehor li minnu jirrizulta li s-socjeta’ attrici kkonfermat li kien sehh xi ftehim gdid u li kienet accettat xi kondizzjonijiet godda. Hemm biss ittra mibghuta mill-agenti lokali tal-konvenuti fejn jirringrazzjaw lis-socjeta’ attrici talli kienet accettat kondizzjonjiet godda. Din l-ittra zgur li ma tistax titqies li hi prova li in effett kien sehh ftehim fuq xi kondizzjonijiet godda.

“Ghalhekk hu zgur li ma jistax jinghad li gie pruvat minghajr l-ebda ekwivoku u bl-aktar mod car li l-kuntratt originali gie mitmum u sostitwit bi ftehim gdid. Hu rilevanti li jigi rilevat li x-xhieda prodotti mill-konvenuti ikkonfermaw li ntbghat ftehim gdid bil-miktub sabiex jigi ffirmat mis-socjeta’ attrici pero din tal-ahhar naqset li tiffirmah. Dan il-fatt effettivament hu indikattiv li s-socjeta’ attrici qatt ma qablet dwar kondizzjonijiet godda.

“Hu stabbilit u ben assodat, fis-sistema guridiku taghna, li biex jinbiddlu l-kondizzjonijiet kif miftiehma jew biex tinbidel klawsola fi ftehim hemm bzonn ir-rieda u l-accettazzjoni tal-partijiet kollha ghall-istess ftehim. Parti wahda ma tistax unilateralment tiddeciedi li m’ghadhiex vinkolata mill-obbligi taghha naxxenti mill-istess ftehim, kif donnhom qed jippretendu l-konvenuti. In-novazzjoni hi regolata bl-artikolu 1179 tal-Kodici Civili li testwalment iddisponi li - “Hemm novazzjoni (a) meta d-debitur jaghmel mal-kuntrattur tieghu dejn gdid, u dan jigi mqghied flok il-qadim, illi jispicca … …”  L-Artikolu 1180(2) ikompli jipprovdi li n-novazzjoni ma tista qatt tigi prezunta.  Ma hemmx ghalfejn, pero`, li jigi espressament

dikjarat li qed issir novazzjoni, pero’ l-intenzjoni li ssir novazzjoni trid tirrizulta b’mod car. B’hekk gie diversi drabi ritenut li l-intenzjoni li ssir novazzjoni ma tistax tkun presunta pero` lanqas ma hemm bzonn li tkun espressa. Hu bizzejjed li l-intenzjoni tan-novazzjoni tirrizulta kjarament. Inoltre l-artikolu 1181 jipprovdi li “ma hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni l-qadima ma tigix maqtula, ghalkemm tigi mbiddla.”
“Bazikament in-novazzjoni hi mod ta’ estinizzjoni tal-obbligazzjoni. L-obbligazzjoni precedenti tigi estinta u dan billi tinholoq obbligazzjoni ohra. Il-ligi tiddefinixxi li ssir novazzjoni meta d-debitur jaghmel mal-kreditur tieghu dejn gdid, u dan id-dejn il-gdid jiehu post id-dejn il-qadim li jispicca. Dan zgur li ma jirrizultax fil-kaz in esami. B’referenza ghal gurisprudenza nostrani gie ritenut li biex issehh novazzjoni hemm bzonn li jirrizulta kjarament li z-zewg partijiet riedu li ssehh novazzjoni. (ara “Frendo Randon vs Gera” deciza minn din il-Qorti fis-27 ta’ Gunju 1952). Gie ukoll ritenut li biex jista’ jinghad li sehhet novazzjoni hemm bzonn li tirrizuta inkompatibilita’ fl-ezistenza ta’ zewg obbligazzjonijiet, u fil-kaz ta’ dubbju in-novazzjoni ghandha tigi eskluza. Fil-kawza fl-ismijiet “Koludrovich vs Muscat” deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell intqal - “Ma hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni antika ma tigix maqtula, imma semplicement modifikata; ghalhiex, billi ssir xi modifikazzjoni fi ftehim, ma tavverax ruhha novazzjoni bejn il-partijiet, jekk ma kienx hemm l-intenzjoni li ssir obbligazzjoni gdida in sostituzzjoni ghall-antika, li tigi mill-partijiet imhassra. Mhux kull modifika, ghalhekk, iggib l-estinzjoni tal-obbligazzjoni, billi l-partijiet jistghu jzidu jew inaqqsu xi haga minghajr ma tigi annullata l-obbligazzjoni, bir-rizultat li tkun giet biss modifikata … In-novazzjoni trid tigi pruvata minn min jallegaha, u f’kaz ta’ dubju ghandha tigi eskluza.”

“Tenut kont ta’ dan kollu ma jistax jinghad li, fil-kaz in esami, tirrizulta b’mod car u skjet l-intenzjoni ta’ almenu wahda mill-partijiet li ssir novazzjoni. Ma jirrizultax li l-partijiet kollha ghall-ftehim in kwestjoni riedu li ssehh novazzjoni ghar-rigward tal-obbligazzjoni naxxenti mill-ftehim originali. Ghalhekk fid-dawl ta’ dan kollu ma jirrizultawx l-elementi kollha mehtiega biex jista jinghad li

sehhet in-novazzjoni oggettiva. Lanqas ma jirrizulta li l-kredituri, cioe` l-atturi taw, il-kunsens taghhom ghat-thassir tal-ftehim originali u ma jistax jinghad li l-ftehim originali gie b'xi mod invalidat jew annullat".

"Finalment jigi rilevat li jirrizuta li s-socjeta attrici accettat pagamenti imnaqqsa u mhux skond il-ftehiem originali. Dan bl-ebda mod, pero', ma jippregudika l-posizzjoni tal-istess socjeta attrici. Inoltre tirrizulta raguni valida ghala dawn il-pagamenti kienu qed jigu accettati.

"Fid-dawl tal-premess ghalhekk l-eccezzjonijiet kollha sollevati mis-socjeta' konvenuta jimmeritaw li jigu accettati, filwaqt li t-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement pruvati u kwindi ghandhom jigu akkolti."

Rat ir-rikors tal-konvenut nomine li in forza tieghu ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha tilqa' l-appell taghhom interpost u tirrevoka s-sentenza tal-24 ta' April 2009, fil-kawza fl-istess ismijiet premessi billi tichad it-talbiet tal-attur appellat u tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut appellant.  Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` attrici appellata.
Rat ir-risposta tal-appell tal-attur li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha tichad dan l-appell u tikkonferma s-sentenza tal-24 ta' April 2009 fil-kawza fl-ismijiet premessi billi tilqa' t-talbiet tal-attur u tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti.  Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` konvenuta u bl-imghaxijiet fuq l-ammont dovut.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

L-appell odjern huwa fis-sens li kuntrarjament ghal dak li gie ritenut fid-decizjoni appellata kien hemm novazzjoni ghaliex qed jigi allegat li sar bejn il-partijiet patt gdid li gie mqieghed flok il-qadim li b'hekk spicca u ghalhekk gew

sodisfatti l-elementi necessarji fil-Ligi sabiex issehh novazzjoni.

Jirrizulta li l-appellant qed jibbaza din il-vantazzjoni tieghu fuq il-bazi li s-socjeta` attrici accettat termini ta’ pagamenti differenti minn dawk li kien hemm fil-ftehim originali (Dok. “A” – fol. 36) u dan kif anke jidher mill-ewwel paragrafu ta’ pagna 4 tar-rikors tal-appell. Jghid li tali pagamenti differenti kienu bbazati fuq termini differenti (numru ta’ kmamar) u skont huwa allura din l-accettazzjoni ta’ termini ta’ pagamenti godda turi li kien hemm ftehim gdid ghaliex dak li sar kien inkompatibbli ma’ kif kellhom jithallsu l-pagamenti fil-ftehim il-gdid.

Sabiex ikompli jissostanzja l-aggravju tieghu, l-appellanti jsostni li ntbaghat abbozz ghal ftehim gdid lis-socjeta` appellata li ma giex iffirmat, izda minkejja dan, ftehim verbali huwa bizzejjed sabiex issehh novazzjoni u f’dan il-kaz il-*fax* mibghuta mill-konvenuti datata 10 ta’ April 2001 tghid espressament li l-ftehim originali gie kancellat. Qed jigi ritenut ukoll li l-ftehim gdid sar mas-socjeta` Sunrays Travel and Tourism Limited li fil-fatt ghamlet hija l-pagamenti u ghalhekk hija d-debitur gdid. B’hekk l-appellant jikkontendi li l-obbligazzjoni originali ma gietx biss modifikata izda wkoll maqtula u ghalhekk sehhet in-novazzjoni.

Din il-Qorti thoss li attwalment l-appell huwa stedina lil din il-Qorti sabiex taghmel apprezzament gdid tal-provi li sar mill-ewwel Qorti, u dan ghaliex l-appellanti qed isostni li b’dak li gara sehhet novazzjoni, meta l-ewwel Qorti sostniet li dan ma kienx il-kaz ghaliex kull ma kien hemm kien biss modifika f’dak li huma rati ta’ pagamenti fuq l-ewwel ftehim.

F’din l-optika, il-prassi hija li din il-Qorti ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament ta’ provi li ghamlet l-ewwel Qorti hlief meta jirrizulta li l-konkluzjoni minnha raggunta ma tkunx sorretta mill-provi b’dan li jkun ghalhekk irrizulta li jkun hemm zball manifest u tali u krucjali li jippregudika lill-parti (**“Elena Magri et v. Rosaria sive Rosa Borg”** (A.C. – 10 ta’ Frar 1961); **“Brigitte Vella pro et noe v.**

**Richard Vella"** (A.C. - 5 ta' Ottubru 2001); **"Carmelo Agius v. John Agius"** (A.I. C. – 2 ta' Dicembru 1994); **"Ruth Spiteri v. Emanuel Vella noe"** (A.I.C. – 5 ta' Marzu 2003); **"John Bezzina et v. Emanuel Camilleri"** (A.I.C. – 27 ta' Ottubru 2011) u **"Angelo Bilocca v. John Mary Cardona"** (A.I.C. – 11 ta' Ottubru 2011).

Minn ezami tal-atti processwali jirrizulta li l-ewwel Qorti ma accettatx li kien hemm novazzjoni ghaliex ma kienx hemm il-kunsens tas-socjeta` attrici ghall-istess, tant li jirrizulta li l-attur nomine xehed b'mod konsistenti fis-sens li qatt ma nbidel l-ewwel ftehim, u l-fatt li saru pagamenti mis-socjeta` konvenuta li ma kienux jaqblu ma' kif kellhom isiru l-pagamenti fil-ftehim originali kien biss dovut ghall-fatt li s-socjeta` attrici ma kellhiex triq ohra hlief li taccetta tali pagamenti akkont ta' dak dovut lilha anke minhabba l-*commitments* li hija kellha.

Din il-Qorti thoss li xejn minn dak li sostna l-appellant ma jindika li hemm novazzjoni tant li (a) minkejja li l-appellanti baghat *draft* ta' ftehim gdid bil-miktub lis-socjeta` appellata dan qatt ma gie ffirmat mill-istess socjeta` u l-ftehim originali baqa' l-unika wiehed vigenti bejn il-partijiet; (b) minkejja li l-appellant qed isostni li bin-novazzjoni kien hemm bdil anke f'min kienu l-partijiet, tant li r-relazzjoni tas-socjeta` appellata ma baqghetx ma' De Jong Intra Ventures BV izda mas-socjeta` Sunrays Travel and Tourism Ltd, fil-verita` dan ma huwiex minnu ghaliex ir-relazzjoni dejjem baqghet mal-istess socjeta` appellata. Dan huwa kkonfermat ukoll mill-fatt li s-socjeta` Sunrays Travel & Tourism Limited agixxiet f'din il-kawza mhux proprju izda ghan-nom u fl-interess tal-assenti De Jong Intra Vakanties BV. Ma' dan jizdied jinghad li ma inghatat l-ebda eccezzjoni ohra mis-socjeta` appellanti dwar min kien il-legittimu kontradittur; allura l-parti baqghet dejjem is-socjeta` estera; (c) bil-pagamenti li saru ma jirrizultax li dawn huma inkonsistenti mal-ftehim milhuq u wisq inqas hemm prova jew almenu indizzji li l-ewwel ftehim gie maqtul u sar ftehim gdid floku.

Il-fatt li saru pagamenti mis-socjeta` Maltija rapprezentata minn Raymond Farrugia ma jfissirx li kien hemm bdil fid-

debitur anke in vista tal-fatt li tali pagamenti jidhru li saru mill-istess socjeta` bhala agenta tas-socjeta` estera. Jinghad ukoll li pagament minn terz jista' jigi accettat mill-kreditur u dan *per se* ma jbiddilx in-natura tal-obbligazzjoni originali u lanqas min kien id-debitur.

Dan huwa kollu konsistenti mal-gurisprudenza kostanti fil-materja ta' novazzjoni fejn huma principji ben segwiti li n-novazzjoni ssehh biss meta l-obbligazzjoni originali tigi maqtula u tigi sostitwita b'ohra gdida u din ghandha dejjem tirrizulta b'mod inekwivoku u car u ma tistax tigi prezunta (**Artikoli 1180 u 1181 tal-Kap. 16 – "C & B Autoparts Ltd v. Caroline Spiteri et"** – A.C. - 1 ta' Lulju 2000**; "HSBC Bank Malta plc v. Pirella Supermarkets Ltd"** – P.A. – 12 ta' April 2012) .
Fil-kawza fl-ismijiet **"Antonio Sammut v. Antonio Mifsud"** (A.K. 14 ta' Settembru 1943) inghad konsistentement ma' dan li:-

*"Il-kwistjoni kollha qieghda taggira ruhha jekk l-obbligazzjoni antika bejn il-partijiet gietx estinta u ghalhekk saritx novazzjoni".*

Gie wkoll ritenut fid-decizjoni **"John's Garage Ltd v. Nicholsons The Supermarket"** (A.I.C. – 22 ta' Gunju 2005) li *"id-delegazzjoni li biha d-debitur jaghti lill-kreditur tieghu debitur iehor, illi jintrabat lejn il-kreditur, ma jgibx novazzjoni, jekk il-kreditur ma jkunx iddikjara espressament il-volonta` tieghu li jehles lid-debitur li jkun ghamel id-delegazzjoni".* F'dan il-kaz lanqas dan ma sehh ghaliex id-debitur dejjem baqghet is-socjeta` appellanti estera.

Ma' dan jinghad li gie stabbilit li ghalkemm ma hemmx formula jew kliem specjali sabiex issehh novazzjoni, din trid tkun jew espressa jew anke tacita b'mod li biex *"ikun hemm novazzjoni hemm bzonn li jkun hemm l-inkompatibilita` tal-ezistenza taz-zewgt obbligazzjonijiet, u f'kaz ta' dubbju, in-novazzjoni ghandha tigi eskluza"* **("Briffa v. Gauci" –** A.I.C – 22 ta' Gunju 2006).

Tal-istess portata hija s-sentenza **“Franco Busuttil noe v. Anthony Mallia”** (K. (JDC) 25 ta’ Marzu 1993 (Ara Kollez. Vol. XXX.I.943)”. Dan huwa konformi ma’ dak li gie deciz fis-sentenzi **“Emanuele Buttigieg v. Spiridione Ellul”** (A.I.C. 18 ta’ Gunju 1938- Vol.XXX.i.943); **“Dr. Grazio Mercieca nomine v. Joseph Grixti”** (A.K. 15 ta’ Marzu 1993); **“Dr. Jose Herrera nomine v. Anthony Cassar et nomine”** (P.A. – 17 ta’ Frar 2000) u **“Anthony Galea v. Mario Hallett nomine”** (P.A. – 28 ta’ Gunju 2001); **“Francis Paris v. Maltacom plc”** (P.A. – 7 ta’ Ottubru 2004). B’hekk l-appell odjern qed jigi michud.

Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qed tiddeciedi billi tichad l-appell tal-appellanti u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata.

Bl-ispejjez kontra l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------